MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 15/2009

**Isabel Cassar**

**vs**

**S. Mifsud & Sons Ltd**

**Il-Qorti,**

Fit-18 ta' Frar, 2009, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-30 ta' Lulju 2008 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' elfejn, mitejn u erbghin ewro u sitta u tmenin centezmi (€2,240.86) rapprezentanti prezz totali mhallas ghal 'package tour' liema tour kellu xi nuqqasijiet.

L-intimatipprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta intimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi hija bbukkjat 'package tour' mal-kumpanija intimata li kienet tikkomprendi lejl f' Londra, tmient iljieli f'Orlando u cruise ta' sebat iljieli abbord il-'cruise liner' u dan ghall-perijodu mit-30 ta' Awissu sas-16 ta' Settembru 2007.

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi dan il-'package tour' u s-servizz mghoti lilha ma kienx ta' livell accettabbli u sodisfacenti u anqas minn dak imwieghed mill-intimat u kien fih diversi nuqqasijiet.

L-intimat issottometta illi s-servizz provdut kien dejjem wiehed professjonali u gie provdut is-servizz li fil-fatt kien gie miftiehem.

It-Tribunal jinnota illi:-

Ir-rikorrenti bbukkjat 'package tour' ta' sittax il-lejl mal-kumpanija intimata li kien jikkomprendi f'disat iljieli f'lukandi u sebat iljieli fuq 'cruise liner', inkluzi l-'excursions', u ta' dan ir-rikorrenti hallset is-somma totali ta' elfejn, mitejn u erbghin ewro u sitta u tmenin centezmu (€2,240.86).

Ir-rikorrenti ddikjarat illi minkejja illi kien hemm ftehim verbali bejnu u l-intimat fis-sens illi waqt it-titjira t-tfal taghha kellhom ikunu hdejha u hdejn zewgha fuq l-ajruplan irrizulta illi t-tfal taghha gew allokati 'seats' il-boghod minnha. L-intimat qal illi r-

rikorrenti qatt ma giet imwieghda illi t-tfal taghha kienu ser ikunu mghotija 'seats' hdejha imma biss illi kienu ser jippruvaw jakkomodaw ix-xewqa taghha u dan ghaliex is-'seating' fl-ajruplan mhuwiex parti mill-kuntratt ta' bejn ir-rikorrenti u l-intimat imma huwa totalment fid-diskrezzjoni tat-trasportatur bl-ajru.

Ir-rikorrenti lmentat illi meta waslet Londra kellha tistenna bejn tletin (30) u hamsa u erbghin (45) minuta sakemm telqet lejn il-lukanda u billi l-lukanda kien qieghed isirilha 'refurbishment' kellha riha qawwija ta' zebgha u kolla. L-intimat issottometta illi hija haga normali li jkun hemm xi ftit tal-hin bejn x’hin persuna tasal fl-ajruport u l-hin li din titlaq bil-'coach' jew 'mini bus'. L-intimat ammetta illi waqt li kienu fil-lukanda f’Londra r-ragel tar-rikorrenti kien ilmenta mat-'tour leader' illi kien hemm riha ta' zebgha fil-kamra taghha u li hija xtaqet li tbiddilha.

Ir-rikorrenti lmentat wkoll illi f’Orlando minflok f'hotel kienet alloggjat f’'motel' jew 'motor hotel' u di piu kien hemm nuqqas ta' igjene kbira, b'wirdien. u nemel fil-kamra, kif ukoll illi fil-kamra taghha kien hemm riha qawwija ta' zebgha u meta din inbidlet ma’ ohra, it-tieni kamra ma kellhiex servizz ta' telefon, il-bieb tal-kamra tal-banju ma kienx jinghalaq sew, il-kamra kienet taghti ghall-'car park', u ma kienx hemm reception fil-blokk fejn kienet alloggjata hi. Ir-rikorrenti qalet wkoll illi l-'fitted carpet' kien inkallat, ma kienx hemm gwardarobba fil-kamra, il-banju kien mtebba' u l-viti tal-ilma kienu iebsin hafna.

L-intimat issottometta illi l-lukanda fejn kienet akkomodata r-rikorrenti ma hijiex wahda five star, izda minkejja li r-rikorrenti lmentat mat-'tour leader' dwar il-kamra, hi qatt ma tat lit-'tour leader' access ghall-kamra sabiex ikun jista' jivverifika l-fatti u jaghmel kaz tajjeb ma' tal-lukanda. It-Tribunal izda jinnota illi r-ragel tar-rikorrenti kien baghat e-mail

datata 03 September 2008 lill-intimat fejn kien indikalu certi nuqqasijiet li kienu qieghdin jigu ffaccjati bihom.

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi kienet iddum tistenna' sakemm jingiebu l-biljetti ghall-'amusement parks' u intilfu hafna mill-'closing shows' tal-excursions fil-parks u dan peress illi t-'tour leader' kien jordna 'pick up times' max-xufier tal-coach li kienu jkunu kmieni wisq.

L-intimat issottometta illi d-dewmien ma kienx dovut ghal negligenza da parte tat-'tour leader' izda ghaliex nqalghet problema ma' l-impjegat tat-'ticketing office' tal-'parks'.

Ir-rikorrenti ssottomettiet illi waqt li kienu f'nofs Orlando, it-'tour leader' iddecieda li jghid lil tal-'coach' jitlaq ghaxar minuti qabel il-hin b'konsegwenza illi ma lahqitx il-'coach' u kellha tirritorna lura lejn il-lukanda b' 'taxi'. It-'tour leader' ammetta din l-ammissjoni u fil-fatt offra li jirrifondi l-flus imhallsa ghat-' taxi'.

Finalment ir-rikorrenti ssottomettiet illi waqt id-'disembarkation' minn fuq il-'cruise liner' kien hemm disorganizzazzjoni u gew imgiela jinzlu minn fuq il-vapur fis-7.30am meta setghu joqghodu hemm sal-11.00am. L-intimat issottometta illi t-'tour leader' kien organizza kollox sabiex il-grupp li kienet tifforma parti minnu r-rikorrenti tizbarka kmieni, izda r-rikorrenti lmentat li dan kien kmieni wisq ghaliha u ghaldaqstant inbidel il-hin ta' l-izbarkazzjoni sabiex ir-rikorrenti tigi akkomodata. L-intimat zied ukoll illi minkejja li l-izbarkar ma kienx ta' natura kuntrattwali bejn il-partijiet, ir-rikorrenti giet akkomodata u fil-fatt zbarkat fil-hin illi riedet hi.

Ghal dawn il-motivi:

> It-Tribunal wara li kkonsidra hawn fuq u wara li ra illi l-elfejn, mitejn u erbghin ewro (€2,240) imhallsa mir-rikorrenti kienu maqsuma f'elf, mitejn, disghin ewro (€1290) ghall-pakkett li kien jinkludi l-flights, disat iljieli f'lukandi u sebat iljieli fuq 'cruise liner' u 'transfers', hames mija tlieta u tletin ewro (€533) imhallsa taxxi u 'tips' tal-vapur, u erba' mija u sbatax il-ewro (€417) imhallsa ghall-excursions jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' mija u hamsa u sebghin ewro (€175) bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess intimat."

Ir-rikorrenti appellat minn din is-sentenza bl-obbjezzjoni kontestanti l-kwantum tar-rizarciment kompensatorju akkordat lilha mit-Tribunal. Hi tikkontendi illi t-Tribunal kien messu ordna r-rifuzjoni ta' l-ammont shih minnha mhallas ghall-*package tour* jew li, almenu, tigi rimborzata n-nofs ta' dak li hallset biz-zieda ta' kumpens xieraq ghall-effett negattiv u t-toghma morra konnessa ma' l-ewwel parti tat-tour;

Il-mertu tal-kaz li t-Tribunal kellu quddiemu kien jikkonsisti minn "*package tour*" konsistenti f'lejl f'Londra, tmint iljieli f'Orlando u *cruise* ta' sebat iljieli abbord il-vapur "The Liberty of the Seas", kollox versu s-somma ta' €2,240.86. L-appellanti tissottometti illi, salv ghall-parti tal-*cruise*, it-*tour* organizzat mis-socjeta` intimata kien karatterizzat minn dizorganizzazzjoni u diskrepanzi notevoli bejn dak reklamat fil-*brochure* u dak effettivament provvdut. In rijassunt, l-ilmenti taghha huma deskritti kif gej:-

1. Ma kienx hemm ppjanar sewwa fil-*bookings* tas-*seats* fuq il-*flights* minn Malta ghal Londra peress li uliedha ma gewx imqeghda hdejha;

2. Fil-*hotel* rizervat f'Londra kien qed isir xoghol ta' *refurbishment* u r-riha taz-zebgha u tal-kolla kkawzaw lilha u lill-membri tal-familja taghha sturdament qawwi tant li kellha tinbidel il-kamra;

3. F'Orlando, Florida huma gew imqeghda *f'motel* minflok f'lukanda u l-ewwel kamra li nghataw kellha tigi sostitwita minhabba riha ta' zebgha. Dik l-ohra provvduta imbaghad, la kellha telefon, il-bieb tal-kamra tal-banju ma kienx jissakkar sew, kien fiha riha tinten u nuqqasijiet varji. Oltre dan, fil-blokk fejn kienet din il-kamra ma kienx hemm *reception*;

4. Kien hemm okkazjoni fejn thallew l-art f'nofs Florida ghaliex it-*tour leader* qal lix-xufier tal-*bus* biex jitlaq ghaxar minuti qabel il-hin prefiss. Huma ghalhekk irritornaw lura fil-*motel* permezz ta' *taxi*;

5. Thallew ghal hinijiet esageratament twal go *bus* bl-*air conditioning* mitfi sakemm it-*tour leader* ottjena l-biljetti ghall-*amusement parks*;

6. Kien hemm ukoll dewmien f'hamsa minn seba' *tours* u konsegwentement tilfu bosta *shows*;

7. It-*tour leader*, li hi tikkwalifikah minghajr esperjenza, kien kagun ta' disorganizzazzjoni anke fil-process tad-dizimbark minn fuq il-*cruise liner*;

Minn naha taghha s-socjeta` intimata tirrikorri ghad-dispost ta' l-Artikolu 15 tar-Regolamenti dwar Pakkett ta' l-Ivvjaggar, pakkett vaganzi u pakkett ta' *tours* (Avviz Legali 157/2000) biex issostni d-difiza ta' nuqqas ta' responsabilita` da parti taghha, u, sussidjarjament, li mhux kull ilment kien jisthoqqlu kumpens, anke ghaliex il-kumpanija ma naqsetx f'bosta mill-istanzi li tipprovdi rimedju. B'dawn is-sottomissjonijiet is-socjeta` appellata tippretendi li l-appell ghandu jitqies improponibbli;

Premess dan, jixraq fl-ewwel lok li tigi ezaminata l-kwestjoni ventilata mill-appellanti dwar in-nuqqas ta' motivazzjoni fis-sentenza jew ahjar dik ta' l-inadegwatezza taghha. In linea ta' principju generali huwa pacifiku illi l-parti decizorja ta' sentenza ghandu

jkollha sussidju mill-konsiderandi taghha in kwantu huma dawn li jispjegaw jew jikkjarixxu l-import tad-dispozittiv. Logikament, ghall-adempiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut jivvaluta singolarment ir-rizultanzi istruttorji kollha izda wara li jaghmel l-apprezzament tieghu fl-assjem taghhom jibbasta li jindika dawk l-elementi li fuqhom jibbaza l-konvinciment tieghu. Dan il-Qorti prezenti rrilevatu fi skorta ta' decizjonijiet taghha. Hekk ukoll irravvizat f'decizjonijiet fuq appelli minn sentenzi tat-Tribunal specjali *de quo* illi, fil-parametri ta' l-Artikolu 23 (2) (d) tal-Kapitolu 378, it-Tribunal ma kienx obbligat li jaghti motivazzjoni elaborata izda sufficit li fuq il-fatti stabbliti huwa jaghti hjiel, u dan indipendentement f'liema parti tas-sentenza, tar-raguni u tal-konkluzjoni minnu raggunta. L-importanti jibqa' li fi procedura sommarja t-Tribunal ikun esprima ruhu b'mod li jista' jigi intravvedut il-konstatazzjoni u d-dikjarazzjoni li hu deherlu li kellu jaghmel u li jkun hemm vera decizjoni. Ara "**Redeemer Diacono –vs- Medialink Computer Centre**", Appell Inferjuri, 19 ta' Mejju, 2004. Huwa mbaghad, difficli fil-kaz in ezami illi tigi accettata l-proposizzjoni illi l-motivazzjoni hi idoneja in kwantu ghall-kwestjoni tar-responsabilita` izda inidoneja in kwantu ghall-kalkolazzjoni tad-danni. In vista ta' dan li nghad l-ilment ta' l-appellanti f'dan il-kuntest ma jistax jitqies attendibbli;

Dwar l-argomenti kontenuti fir-rikors ta' l-appell u fir-risposta ghalih, jibda biex jigi osservat illi d-danni minn vakanza li l-parti citanti jkun jidhrilha li giet rovinata huma dawk konsistenti fil-pregudizzju soffert ghat-telf tal-godiment shih mill-vjagg organizzat. Fil-fattispeci jidher li r-riferiment normattiv hu dak prevvist fl-Artikolu 15.2 ta' l-Avviz Legali 157/2000 li jiddisponi illi "l-organizzatur u, jew in-negozjant ikunu responsabbli lejn il-konsumatur ghal kull hsara li tigi kkagonata bin-nuqqas li l-kuntratt jigi mwettaq jew bit-twettiq mhux sew u xieraq tal-kuntratt". Dan, s'intendi, u apparti d-disposizzjonijiet specjali rilevanti taht l-Att ta' l-1994 dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kapitolu 378) u dawk tal-principji generali in tema ta' kuntratti taht il-Kodici Civili (Kapitolu 16);

Fil-qaghda attwali, aktar minn dawn is-senjalazzjonijiet tad-diversi ligijiet domestici jidher li l-fonti tar-rizarcibilita` tad-dannu hu partikolarment ravvizat fil-Council Directive 90/314 ta’ l-Unjoni Ewropeja relattiv ghal “*package travel, package holidays and package tours*”, senjatament l-Artikolu 5 tieghu u li, apparentement fuqu, hu modellat l-Artikolu 15 ta’ l-Avviz Legali taghna predett;

Minn kif impustati l-ilmenti varji ta’ l-appellanti jidher li l-pregudizzju allegatament subit, aktar milli f’termini ta’ danni emergenti jew ta’ *lucrum cessans*, huwa mqieghed mill-istess appellanti f’rapport ma’ qaghdiet dizagjati u ta’ stress bla bzonn ghaliex hi ma uzufruwietx kif imiss mill-btala organizzata ghal liema kkuntrattat. Da parti taghha s-socjeta` appellata tittanta tattenwa s-serjeta ta’ dawn il-qaghdiet billi ssostni li l-ilmenti huma esagerati, jew li, f’bosta istanzi minnhom, instab rimedju sodisfacenti, jew, ukoll, ghaliex certi cirkostanzi (bhal l-akkwist u xiri ta’ *tickets*, jew it-tifi ta’ l-*air conditioning* fil-*bus*) ma kienux attribwibbli ghal xi nuqqasijiet taghha izda ghas-sistema adottata fl-esteru jew ghal fatt ta’ terzi;

Apparti l-gravita` o meno ta’ l-ilmenti, b’kumment fuq dan l-ahhar argoment difensiv tas-socjeta` appellata din il-Qorti sa recentement hafna espremiet il-fehmiet taghha in kap ghall-involviment tat-terzi f’vicendi ta’ din ix-xorta u mhux il-kaz li toqghod terga’ tirrepitihom hawn, jekk mhux biex tenfasizza l-punt illi fejn it-terz ikun hu wkoll provveditur tas-servizz formanti parti mill-pakkett ta’ servizzi offruti, l-intervent tieghu, bhala kawza ta’ forza magguri, jrid jigi valutat fil-konkret billi wiehed ma jistax awtomatikament jeskludi li d-debitur ta’ l-obbligazzjoni jibqa’ responsabbli vis-a-vis il-kreditur tieghu ghas-sitwazzjoni li tkun ingiebet fis-sehh. Ara “**Alfred Zarb *et* -vs- Mondial Travel Agency**”, 30 ta’ Jannar, 2009. Dan johrog, del resto, mill-previzjoni ta’ l-artikolu 15.2.2 ta’ l-Avviz Legali. Ghal dak li jirrigwarda l-kuncett tal-prevedibilita imsemmi f’dan l-istess artikolu, il-gudizzju ta’ din il-prevedibilita` hu mqieghed fuq il-bazi tal-kriterju tad-

diligenza tal-missier tajjeb tal-familja, ex-Artikolu 1032 (1) u 1132 (1) tal-Kodici Civili.  Fil-kaz partikulari din il-prevediblita ma setghetx ma titraducix ruhha f'dik tal-kolpa fis-socjeta` appellata billi ghal certi qaghdiet kienet prospettabbli anke ghaliha l-possibilita` oggettiva ta' l-event, anke ghaliex hi suppost kellha l-konoxxenza u l-esperjenza taghhom.  Sewwa ghalhekk irraguna t-Tribunal fejn sab htija fis-socjeta` appellata;

Fuq il-kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni, li wara kollox hu l-punt centrali ta' l-appell odjern, il-kwantifikazzjoni tar-rizarcibilita` mhix nieqsa minn problemi.  Dan ghal raguni gja accennata illi d-danni pretizi huma fil-konkret ta' l-ilmenti sottomessi x'aktarx ta' indoli morali konnessi ma' dizagji, dizappuntamenti u telf ta' mistrieh, milli ta' natura materjali u reali, li, f'kull kaz, mill-atti lanqas ma jidher li saret xi prova dwarhom mill-appellanti;

F'referenza ghal *preliminary ruling* mill-Qorti Regjonali ta' Linz fl-Awstrija l-Qorti Ewropeja giet posta lilha din il-mistoqsija: "Is article 5 of Council Directive 90/314 EEC of 13 June 1990 on package travel, package holidays and package tours to be interpreted as meaning that compensation is in principle payable in respect of claims for compensation for non-material damage?"  Ghal dan il-kwezit dik il-Qorti iddeterminat *inter alia* illi:-

*1. "The Directive, and in particular Article 5 thereof, is designed to offer protection to consumers and, in connection with tourist holidays, compensation for non-material damage arising from the loss of enjoyment of the holiday is of particular importance to consumers.*

*2. The answer to be given to the question referred must therefore be that Article 5 of the Directive is to be interpreted as conferring, in principle, on consumers a right to compensation for non-material damage resulting from the non-performance or improper performance of the services constituting a package holiday"*

Ara sentenza tal-Qorti Ewropeja tat-12 ta' Marzu, 2002 in re: "**Simone Leitner -vs- TUI Deutschland GmbH & Co. KG.**" (**Case C-168/00**), ghal liema, incidentalment, din il-Qorti kienet gja ghamlet referenza fid-decizjoni taghha tat-28 ta' Marzu, 2007 in re: "**Joseph Magro -vs- Mondial Holidays**";

Affermat dan, kif inhu saput, il-ligi komuni taghna taht il-Kodici Civili ma tipprovdix ghal "*non-material damage*" ta' dik ix-xorta. Mhux l-istess, pero`, hu l-kaz taht il-ligi specjali kostitwita mill-Att ghall-Affarijiet tal-Konsumatur. Hu difatti provvdut fl-Artikolu 21 (2) tieghu illi t-Tribunal jista' jordna lill-kummercjant ihallas lill-konsumatur ammont li ma jkunx anqas minn €34.94 u mhux aktar minn €232.94 bhala danni morali "<u>ghal kull hsara, deni, ansjeta u inkonvenjenza</u>". Wiehed jista' jsib oggezzjoni mill-massimali stabbilit f'dan il-provvediment ghaliex dan forsi mhux sufficjenti biex jaghmel tajjeb ghal "<u>kull hsara</u>" ta' din l-ghamla kif mahsub mill-Artikolu 15.2 ta' l-Avviz Legali jew l-Artikolu 5 tad-Direttiva. Minn naha l-ohra ma jistax jinghad illi t-Tribunal ma qaghdx fil-parametri ta' dik il-latitudni ta' kumpens ghall-istess xorta ta' danni, kif mill-provvediment prevvist;

In linea ta' principju mhux ghal din il-Qorti li tissindika l-apprezzament tat-Tribunal in materja ta' likwidazzjoni ta' danni. Fil-fattispeci, pero`, konsiderat dak li appena nghad fuq l-istat tal-ligi taghna dwar il-minimu u l-massimu tad-danni morali, il-Qorti thoss li ghandha almenu takkorda l-massimali ta' €232.94.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qeghda tvarja l-ammont likwidat mit-Tribunal billi takkorda lill-appellanti rizarciment fl-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin euro, erbgha u disghin centezmu (€232.94). Stante l-principji involuti f'dan il-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu fic-cirkustanzi bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------